

31997R1466

2.8.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 209/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1466/97**tas-7 Lulju 1997**

dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 103(5) tiegħu,

fmanjiera stretta u fwaqtha u partikolarment biex iżommu ma' l-għanijiet ta' termini ta' żmien medji tal-pożizzjoniet ta' budget li jkunu qrib il-bilanċ jew b'bilanċ favorevoli, li għalhom l-Istati Membri kollha huma kommessi, u biex tittieħed l-azzjoni korrettiva fil-budget li jidhrilhom meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-istabbiġtā u l-programmi ta' konverġenza tagħhom, kull meta jkollhom tagħrif li jindika diverġenza sinifikanti attwali jew preżunti mill-għani tat-terminu fi żmien medju ta' budget;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

- (1) Billi l-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir huwa msejjes fuq l-objettiv ta' finanzi governattivi sodi bħala mezz biex jis-saħħu l-kondizzjonijiet għal prezzejiet stabbli u għal tkabbir sostenibbi b'saħħtu sabiex iwassal għall-ħolqien ta' l-impjieg;
- (2) Billi l-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir jikkonsisti f'dan ir-Regolament li jimmira li jsaħħaħ is-sorveljanza tal-pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomiċi, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 (³) li jimmira li jagħti spinta biex iħaf-fef u jiċċara l-implementazzjoni ta' proċeduri dwar sbilanci eċċessivi u tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir (⁴), li fihom, skond l-Artikolu D tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, linji-gwida politiċi sodi huma maħruġa sabiex jimplimentaw il-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir
- (3) Billi fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) l-Istati Membri huma, skond l-Artikolu 104ċ tat-Trattat, taħt obbligu ċar li joħroġ mit-Trattat li jevitaw sbilanci eċċessivi ġenerali tal-gvern; billi skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll (No 11) dwar ċerti dispożizzjoniijiet tat-Trattat li għandhom x'jaqsmu mar-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq, l-Artikolu 104ċ(1) ma japplikax għar-Renju Unit sakemm ma jinxix għat-tielet stadju; billi l-obbligu skond l-Artikolu 109e(4) fejn l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jevitaw sbilanci eċċessivi għandu jissokta jgħodd għar-Renju Unit;
- (4) Billi l-konformita ma' l-objettiv ta' terminu fi żmien medju fil-pożizzjonijiet ta' budget qrib il-bilanċ jew b'bilanċ favorevoli jħallu lill-Istati Membri jittrattaw oxxillazzjoni ċikliċi normali fil-waqt li jżommu l-iżbilanċ tal-gvern fil-limitu tal-valur ta' riferenza ta' 3 % tal-GDP;
- (5) Billi huwa xieraq li tiġi kumplimentata l-proċedura dwar is-sorveljanza multilaterali ta' l-Artikolu 103(3) u (4) b'sistema ta' swiċċa bikrija, li fuqha l-Kunsill jiġib l-attenzjoni ta' Stat Membru sa minn kmieni għall-ħtieġa li jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa fil-budget sabiex jip-prevjeni milli żbilanċ tal-gvern isir eċċessiv;

(¹) ĠU C 368, tas-6.12.1996, p. 9.

(²) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 Novembru 1996 (ĠU C 380, tas-16.12.1996, p. 28), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-14 April 1997 (ĠU C 146, tas-30.5. 997, p. 26) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 1997 (ĠU C 182, tas-16.6.1997).

(³) Ara p. 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(⁴) ĠU C 236, tas-2.8.1997, p. 1.

- (6) Billi l-proċedura ta' sorveljanza multilaterali fl-Artikolu 103(3) u (4) għandha barra minn hekk tissokta li timmonitorja l-firxa kollha ta' l-iżviluppi ekonomiċi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fil-Komunit kif ukoll il-konsistenza ta' politki ekonomiċi mal-linji-gwida ekonomiċi wiesgħa msemmija fl-Artikolu 103(2); billi biex jiġu monitorjati dawn l-iżviluppi, hija xierqa l-preżentazzjoni ta' tagħrif fil-forma ta' programmi ta' stabbilità u konverġenza;
- (7) Billi hemm il-ħtieġa li tibqa' tinbena fuq l-esperjenza utli miksuba matul l-ewwel żewġ stadji ta' l-unjoni ekonomika u monetarja bi programmi ta' konverġenza;
- (8) Billi l-Istati Membri li jadottaw munita unika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "Istati Membri parteċipanti", irridu, skond l-Artikolu 109j, ikunu kisbu grad għoli ta' konverġenza sostenibbli u partikolarment pożizzjoni finanzjarja governattiva sostenibbli; billi ż-żamma ta' pożizzjonijiet sodi fl-estimi ta' dawn l-Istati Membri hija meħtieġ biex tappoġġa l-istabbilità tal-prezzijiet u ssah-ħaħ il-kondizzjonijiet għat-tkabbir sostenut tal-produzzjoni u ta' l-impieg; billi huwa meħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jissottomettu programmi fuq temini ta' żmien medji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "programmi ta' stabbilità"; billi huwa meħtieġ li jiġi definit il-kontenut prinċipali ta' dawk il-programmi;
- (9) Billi l-Istati Membri li ma jadottawx il-munita unika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "Stati Membri mhux parteċipanti", ikunu jeħtieġ li jsegwu politki mmirati lejn grad għoli ta' konverġenza sostenibbli; billi huwa meħtieġ li dawn l-Istati Membri jissottomettu programmi fuq termini ta' żmien medji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "programmi ta' konverġenza"; billi huwa meħtieġ li jiġi definit il-kontenut prinċipali ta' dawn il-programmi ta' konverġenza;
- (10) Billi fir-Riżoluzzjoni tagħha tas-16 Ġunju 1997 dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għar-rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kunsill Ewropew kien ħareġ linji-gwida politiċi sodi li skond dawn ġie stabbilit mekkaniżmu ta' rata tal-kambju għat-tielet stadju ta' l-EUM, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejja "ERM2"; billi l-muniti ta' Stati Membri mhux parteċipanti li jidħlu fl-ERM2 irid ikollhom skala ċentrali vis-avis l-euro, li b'hekk jipprovdū punt ta' riferenza biex jiġi għudikaw l-adegwatezza tal-politki tagħhom; billi l-ERM2 sejjjer ukoll ikun ta' għajnejna biex jipproteġi lilhom u lill-Istati Membri li jadottaw l-ewro minn pressjonijiet mhux mixtieqa fis-swieq tal-kambju barranin; billi, biex tkun tista' ssir sorveljanza xierqa fil-Kunsill, Stati Membri mhux parteċipanti li ma jingħaqdux fl-ERM2 iridu madankollu jippreżentaw politki fil-programmi tagħhom ta' konverġenza orjentati lejn l-istabbilità biex b'hekk jevitaw allinjamenti ħżiena mar-rata reali tal-kambju u oxxilazzjonijiet eċċessivi fir-rata nominali tal-kambju;
- (11) Billi konverġenza dejjiema ta' prinċipji bażiċi ekonomiċi hija prerekwiżiż għal stabbilità fir-rata sostenibbli tal-kambju;
- (12) Billi huwa meħtieġ li jiġi preskritt limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' programmi ta' stabbilità u programmi ta' konverġenza u ta' l-aġġornamenti tagħhom;
- (13) Billi fl-interess tat-trasparenza u ta' dibattitu meqjus pubbliku huwa meħtieġ li l-Istati Membri jifsthu għall-pubbliku l-programmi ta' stabbilità u l-programmi ta' konverġenza tagħhom;
- (14) Billi l-Kunsill, meta jeżamina u jimmonitorja l-programmi ta' stabbilti u l-programmi ta' konverġenza u partikolarment l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' l-budget u l-aġġustament immirat biex jintlaħaq dan l-objettiv, għandu jqis il-karakteristiċi rilevanti ċikliċi u strutturali ta' l-ekonomija ta' kull Stat Membru;
- (15) Billi f'dan il-kuntest attenżjoni partikolari għandha tingħata lil diverġenzi sinifikanti fil-posizzjonijiet ta' budget mill-objettivi ta' budget li huma dawk li jkunu qrib il-bilanċ jew fbilanc favorevoli; billi huwa xieraq li l-Kunsill jagħti twissija bikrija biex jipprevjeni milli sbilanċ tal-gvern ta' l-Istati Membri jsir eċċessiv; billi fil-każ ta' żelqien persistenti ta' budget ikun xieraq illi l-Kunsill isahħħah mill-ġdid ir-rakkmandazzjoni tiegħu u jippubbligha; billi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-Kunsill jista' jagħmel rakkmandazzjoni jiet dwar l-azzjoni li għandha tittieħed biex jitwettqu l-programmi tagħhom ta' konverġenza;
- (16) Billi kemm il-programmi ta' konverġenza kif ukoll il-programmi ta' stabbilità jwasslu għat-twettiq tal-kundizzjoni ta' konverġenza ekonomika msemmija fl-Artikolu 104c,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA 1

GĦAN U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli li jkopru l-kontenut, is-sottomissjoni u l-immonitorjar ta' programmi ta' stabbilità u

programmi ta' konverġenza bħala parti mis-sorveljanza multilaterali mill-Kunsill sabiex jipprevjeni, fi stadju bikri, l-okkorenza ta' sibilanči eċċessivi tal-gvern ġeneralu u sabiex jippromovi s-sorveljanza u l-koordinament ta' politika ekonomika.

3. It-tagħrif dwar it-toroq għall-proporzjoni ta' bilanċ favorevoli/sbilanċ tal-gvern ġeneralu u l-iskala tad-dejn u l-assunzjonijiet ekonomiċi prinċipali msemmija fil-paragrafu 2 (a) u (b) għandhom ikunu fuq bażi annwi u għandhom ikopru, flimkien mas-sena kurrenti u dik ta' qabel, għall-inqas it-tliet snin li jiġu wara.

Artikolu 2

Għall-għan ta' dan ir-Regolament, "Stati Membri parteċipanti" għandha tfisser dawk l-Istati Membri li jadottaw il-munita unika skond it-Trattat u "Stati Membri mhux parteċipanti" għandha tfisser dawk li ma jadottawx il-munita unika.

TAQSIMA 2

PROGRAMMI TA' STABBILITÀ

Artikolu 3

1. Kull Stat Membri parteċipanti għandu jissottometti lill-Kunsill u lill-Kummissjoni t-tagħrif meħtieġ għall-għan ta' sorveljanza multilaterali fintervalli regolari skond l-Artikolu 103 tat-Trattat fil-forma ta' programm ta' stabbilità, li jipprovdni bażi essenziali għall-istabbilità tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbi qawwi li jwassal għall-ħolqien ta' l-impiegħi.

2. Programm ta' stabbilità għandu jippresenta t-tagħrif li ġej:

(a) l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien tal-pożizzjoni ta' l-estimi qrib il-bilanċ jew f'bilanċ favorevoli u tat-triq ta' aġġustament lejn dan l-objettiv għal bilanċ favorevoli/sbilanċ tal-gvern ġeneralu u għat-triq mistennija tal-proporzjoni ta' dejn tal-gvern ġenerali;

(b) l-assunzjonijiet prinċipali dwar żviluppi ekonomiċi mistennija u fatturi varjabbl ēkonomiċi importanti li huma rilevanti għar-realizzazzjoni tal-programm ta' stabbilità bħalma huma nfiq f'investimenti mill-gvern, tkabbir fil-prodott gross domestiku reali (PGD), l-impjegi u l-inflazzjoni;

(c) deskriżżjoni tal-miżuri fil-budget jew politiki ekonomiċi oħra li jkunu mittieħda u/jew proposti biex jinkisbu l-objettivi tal-programm, u, fil-każżeen tal-miżuri prinċipali tal-budget, stima ta' l-effetti kwantitativi fuq il-budget;

(d) analiżi dwar kif tibdil fis-assunzjonijiet prinċipali ekonomiċi jaffettaww il-pożizzjoni tad-dejn fil-budget.

Artikolu 4

1. Programmi ta' stabbilità għandhom jingħataw qabel 1-1 Marzu 1999. Wara din id-data, programmi aġġornati għandhom jingħataw kull sena. Stat Membru li jadotta l-munita unika fi stadju aktar tard għandu jagħti l-programm tiegħu ta' stabbilità fi żmien sitt xħur mid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-munita unika.

2. L-Istati Membri kollha għandhom jippubblikaw il-programmi tagħhom ta' stabbilità kif ukoll programmi aġġornati.

Artikolu 5

1. Fil-waqt li jibbaża ruħu fuq l-istimi tal-Kummissjoni u tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 109c tat-Trattat, il-Kunsill għandu, fil-qafas ta' sorveljanza multilaterali skond l-Artikolu 103, jeżamina jekk l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' budget fil-programm ta' stabbilità jiprovdix għal marġini ta' sigurezza sabiex jiżgura li jiġi evitat sibilanč eċċessiv, jekk l-assunzjonijiet ekonomiċi li fuqhom il-programm huwa bbażat humiex realistiċi u jekk il-miżuri li jkunu qegħdin jit-teħdu u/jew dawk proposti humiex bieżżejjed biex tinkiseb it-triq ta' aġġustament lejn l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' l-estimi.

Il-Kunsill għandu barra minn hekk jeżamina wkoll jekk il-kontenut tal-programm ta' stabbilità imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ta' mhux aktar minn xah-rejn mis-sottomissjoni tal-programm. Il-Kunsill, fuq rakkoman-dazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c, għandu jagħti opinjoni dwar il-programm. Fejn il-Kunsill, skond l-Artikolu 103, jikkunsidra li l-objettivi u l-kontenut ta' programm għandhom jiġu msaħħa, il-Kunsill għandu, fl-opinjoni tiegħu, jistieden lill-Istat Membri interessat biex jaġġusta l-programm tiegħu.

2. Il-Kunsill għandu jwettaq eżami tal-programm ta' stabbilità imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ta' mhux aktar minn xah-rejn mis-sottomissjoni tal-programm. Il-Kunsill, fuq rakkoman-dazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c, għandu jagħti opinjoni dwar il-programm. Fejn il-Kunsill, skond l-Artikolu 103, jikkunsidra li l-objettivi u l-kontenut ta' programm għandhom jiġu msaħħa, il-Kunsill għandu, fl-opinjoni tiegħu, jistieden lill-Istat Membri interessat biex jaġġusta l-programm tiegħu.

3. Programmi aġġornati ta' stabbilità għandhom jiġu eżamati mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c fuq il-bażi ta' stimi mill-Kummissjoni; jekk ikun meħtieġ, programmi aġġornati jistgħu jiġi eżamati wkoll mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilità fil-paragrafi 1 and 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

1. Bħala parti mis-sorveljanza multilaterali skond l-Artikolu 103(3), il-Kunsill għandu jimmonitorja l-implementazzjoni ta' programmi ta' stabbilità fuq il-bażi tat-tagħrif mogħiġi mill-Istati Membri parteċipanti u ta' stimi mill-Kummissjoni u mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c, partikolarmen bil-ħsieb li jidher idher diverġenza sinifikanti attwali jew mistennija fil-pożizzjoni ta' budget mill-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' budget, jew it-triq ta' aġġustament lejh, għandu, bil-ħsieb li jagħti twissija bikrija sabiex jipprevjeni l-okkorrenza ta' sibilanċ eċċessiv, jindirizza, skond l-Artikolu 103(4), rakkomandazzjoni lill-Istat Membru konċernat biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' aġġustament.

2. Fil-każ li l-Kunsill isib diverġenza sinifikanti fil-pożizzjoni ta' budget mill-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' budget, jew fit-triq ta' aġġustament lejh, għandu, bil-ħsieb li jagħti twissija bikrija sabiex jipprevjeni l-okkorrenza ta' sibilanċ eċċessiv, jindirizza, skond l-Artikolu 103(4), rakkomandazzjoni lill-Istat Membru konċernat biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' aġġustament.

3. Fil-każ li l-Kunsill fil-monitoraġġ tiegħu li jiġi wara jiġġudika illi d-diverġenza fil-pożizzjoni ta' budget mill-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' budget, jew tat-triq ta' aġġustament lejh, tibqa' tippersisti jew teħżejen, il-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 103(4), jagħmel rakkomandazzjoni lill-Istat Membru konċernat biex jieħdu l-miżuri korrettivi mill-iktar fis u jista', kif jipprovd i dan l-Artikolu, jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu pubblika.

TAQSIMA 3

PROGRAMMI TA' KONVERĠENZA

Artikolu 7

1. Kull Stat Membru mhux parteċipanti għandu jibghaq lill-Kunsill u lill-Kummissjoni tagħrif meħtieġ għall-għan ta' sorveljanza multilaterali f'intervalli regolari skond l-Artikolu 103 fil-forma ta' programm ta' konverġenza, li jipprovd bażi essenziali għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien ta' l-impjieggi.

2. Programm ta' konverġenza għandu jagħti t-tagħrif li ġej partikolarmen dwar fatturi varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-konverġenza:

(a) l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien tal-pożizzjoni tal-budget qrib il-bilanċi jew b'bilanċi favorevoli u tat-triq ta' l-aġġustament lejn dan l-objettiv għall-bilanċi favorevoli/sibilanci tal-gvern ġenerali; it-triq mistennija tal-proporzjon ta' dejn tal-gvern ġenerali; l-objettivi tal-politika monetarja fuq terminu medju ta' żmien; ir-relazzjonijiet ta' dawn l-objettivi ma' l-istabbiltà tal-prezzijiet u tar-rata tal-kambju;

(b) l-assunzjonijiet prinċipali dwar żviluppi ekonomiċi mistenni u dwar fatturi varjabbli ekonomiċi importanti li huma rilevanti għar-realizzazzjoni tal-programm ta' konverġenza, bħalma huma l-infiq mill-gvern f'investimenti, tkabbir reali tal-PGD, l-impjieggi u l-inflazzjoni;

(c) deskrizzjoni tal-miżuri fil-budget jew politki ekonomiċi oħra li jkunu mittieħda u/jew proposti biex jinkisbu l-objettivi tal-programm, u, fil-każ tal-miżuri prinċipali tl-budget, stima ta' l-effetti kwantitativi fuq il-budget;

(d) analiżi dwar kif tibdin fis-assunzjonijiet prinċipali ekonomiċi jaffettwaw il-pożizzjoni tad-dejn fil-budget.

3. It-tagħrif dwar it-toroq biex il-bilanċi favorevoli/sibilanci tal-gvern ġenerali, l-proporzjon tad-dejn u l-assunzjonijiet prinċipali ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 2 (a) and (b) għandu jkun fuq bażi annwali u għandu jkopri, flimkien mas-sena kurrenti u s-sena ta' qabel, mill-inqas it-tliet snin li jiġi wara.

Artikolu 8

1. Programmi ta' konverġenza għandhom jingħataw qabel l-1 Marzu 1999. Wara din is-sena, programmi aġġornati għandhom jingħataw kull sena.

2. L-Istati Membri kollha għandhom jippubblikaw il-programmi ta' konverġenza u l-programmi ta' aġġornament tagħ-hom.

Artikolu 9

1. Filwaqt li jibbażha ruħu fuq stimi mill-Kummissjoni u mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c tat-Trattat, il-Kunsill għandu, fil-qafas ta' sorveljanza multilaterali skond l-Artikolu 103, jeżamina jekk l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' budget fil-programm ta' konverġenza jipprovdix għal marġini ta' sigurizza sabiex jiżgura li jiġi evitat sibilanci eċċessiv, jekk l-assunzjonijiet ekonomiċi li fuqhom ikun ibbaż il-programm humiex realistiċi u jekk il-miżuri li jkunu qiegħdin jittieħdu u/jew il-proposti humiex bieżżejjed biex tinkiseb it-triq ta' aġġustament sabiex jintlaħaq l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien u biex tinkiseb konverġenza sostnuta.

Il-Kunsill għandu, barra min hekk, jeżamina jekk il-kontenut tal-programm ta' konverġenza jhaffix il-koordinamwent iktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u jekk il-politiki ekonomiċi ta' l-Istati Membri intercessati humiex konsistenti mal-linji gwida tal-politika ekonomika ġenerali.

2. Il-Kunsill għandu jwettaq eżami tal-programm ta' konverġenza msemmi fil-paragrafu 1 mhux aktar tard minn xahrejn mis-sottomissjoni tal-programm. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Kumitat stab-

bilit bl-Artikolu 109c, għandu jagħti opinjoni dwar il-programm. Fejn il-Kunsill, skond l-Artikolu 103, jikkunsidra li l-objettivi u l-kontenut ta' programm għandhom jiġu msaħħa, il-Kunsill għandu, fl-opinjoni tiegħu, jistieden lill-Istat Membru interessaat biex jaġġusta l-programm tiegħu.

3. Programmi aġġornati ta' konverġenza għandhom jiġu eżaminati mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c fuq il-bażi ta' stimi mill-Kummissjoni; jekk jinħtieġ, programmi aġġornati jistgħu wkoll jiġu eżaminati mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilità fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 10

1. Bħala parti mis-sorveljanza multilaterali skond l-Artikolu 103(3), il-Kunsill għandu jimmonitorja l-implementazzjoni ta' programmi ta' konverġenza fuq il-bażi tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri mhux parteċipanti skond l-Artikolu 7(2)(a) ta' dan ir-Regolament u ta' stimi mill-Kummissjoni u mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 109c tat-Trattat, partikolarmen bil-ħsieb li jidentifikaw diverġenzi sinifikanti attwali jew mistennija fil-pożizzjoni ta' l-estimi mill-objettiv fuq terminu medju ta' żmien ta' budget, jew fit-triq ta' aġġustament lejha, kif stabbilit għall-programm ta' bilanċ favorevili/sbilanċ tal-gvern.

Barra minn dan, il-Kunsill għandu jimmonitorja l-politki ekonomiċi ta' l-Istati Membri mhux parteċipanti fid-dawl ta' l-objettivi ta' programmi ta' konverġenza bil-ħsieb li jiġura li l-politki tagħhom Jadattaw irwieħhom għall-istabbiltà u b'hekk jevitaw miżallinjamenti fir-rati reali tal-kambju u oxxillazzjoni-jiet eċċessivi fir-rati nominali tal-kambju.

2. Fil-każ li l-Kunsill jidentifika xi diverġenza sinifikanti fil-pożizzjoni tal-budget mill-objettiv fuq terminu medju ta' żmien tal-budget, jew fit-triq ta' aġġustament lejha, għandu, bil-ħsieb li jagħti twissija bikrija biex jipprevjeni l-okkorrenza ta' sbilanċ eċċessiv, jindirizza skond l-Artikolu 103(4), rakkomandazzjoni

lill-Istati Membri konċernati biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' aġġustament.

3. Fil-każ li l-Kunsill fil-monitoraġġ aħħari tiegħu jiġiġudika li d-diverġenza fil-pożizzjoni tal-budget mill-objettiv ta' terminu medju ta' żmien tal-budget, jew tat-triq ta' aġġustament lejha, tibqa' tippersisti jew teħżeen, il-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 103(4), jagħmel rakkomandazzjoni lill-Istati Membri konċernati biex jieħdu miżuri korrettivi mill-iktar fis u jista', kif imniżżejjel f'dan l-Artikolu, jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu pubblika.

TAQSIMA 4

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 11

Bħala parti mis-sorveljanza multilaterali kif deskritta f' dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jwettaq l-istima totali deskritta fl-Artikolu 103(3).

Artikolu 12

Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 103(4) il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iżi idu mar-rapport tagħhom lill-Parlament Ewropew ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali mwettqa skond dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Eż a rendelet 1998. július 1-jén lép hatályba.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Lulju 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

J.-C. JUNCKER